# Il-Ħuttafa

Numru **153**

Lulju – Awwissu 2019

**€2** għal min mhux membru



Qarnita

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf




Grupp imħallat ta' **kaħli** (saddled seabream) u **ċawl** (damselfish), żewġ ħutiet komuni madwar xtutna.

mill-editur

# Ħbieb Ħuttaf . . .

Sa ftit snin ilu meta kont nistaqsi lill-istudenti għaliex ħażin li tarmi l-iskart barra, kienu jwieġbu: "Għax tħammeġ" jew "Għax tkerraħ".

Tweġibiet tajbin. Imma minn xi żmien 'l hawn meta nagħmel l-istess mistoqsija, ħafna tfal (anke ta' Year 3) iwieġbu:

"Għax l-annimali l-iskart jaħsbuh ikel, jikluh u jmutu." U spiss iżejnuha b'eżempju, bil-ħut, bil-fkieren tal-baħar, bl-albatross.

Waww! Din tweġiba iktar bis-sens mill-oħrajn. Din it-tweġiba turi li n-nies qed jindunaw li d-dinja naqsmuha ma' miljuni ta' ħlejjaq oħrajn, u l-iskart li narmu jaf ikun ta' periklu għal dawn il-ħlejjaq.

U ħaġa sabiħa li dawn l-affarijiet qed tgħiduhom intom li għadkom qed tikbru.

Ftit ilu mort protesta kontra l-qerda tas-siġar u l-kampanja (ara paġna 3). Ħadt gost mhux biss għax konna iktar minn elf ruħ imma l-iktar għax ħafna minnhom kienu żgħażagħ. Importanti ħbieb li tkomplu tistinkaw biex ikollna dinja iktar sabiħa u b'iktar natura.

Issa komplu gawdu l-vaganzi, u araw li tkunu ambjentalisti anke f'xatt il-baħar. Ma tafux kif? Morru paġna 5!




**Victor**

**Victor Falzon**
L-Editur

Skont l-aħbarijiet, fl-Etjopja ħawlu **350 miljun siġra... fi 12-il siegħa!** U kisru r-rekord tad-dinja. Diffiċli temmen figura bħal din, imma jekk hu veru prosit tassew!

Minn din il-ħarġa żidna ftit iktar artikli bl-Ingliż. Dan għamilnieh minħabba tfal u familji membri fi Klabb Ħuttaf li ma jifhmux bil-Malti.



FUQ QUDDIEM

Ritratt ta' Desirée Falzon

**Qarnita** Common Octopus *Octopus vulgaris*

Il-qarnita hija annimal tassew speċjali. Mhux biss għax għandha kamuflaxx inkredibbli, u mhux biss għax għandha dawk it-tmien tentakli li jsaħħruk tarahom jiċċaqalqu. Imma għax wara l-mammiferi tal-baħar (dniefel, balieni, eċċ) il-qarnita hija aktarx l-aktar annimal intelliġenti tal-baħar. Bilkemm temmen li din kuġina tal-bebbux!

Ħasra li tant nies japprezzawha biss bħala platt stuffat!

Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

# F'din il-ħarġa...


| | |
|---|---|
| **Mill-editur** | **2** |
| **Aħbarijiet** | **3** |
| **Tal-Ġelati** | **4** |
| **Environmentalist** | **5** |
| **Concrete** | **5** |
| **L-ittra ta' Amy** | **6** |
| **Residenti Speċjali** | **7** |
| **Il-Monakella** | **8–9** |
| **Kolina u Żeppinu** | **10** |
| **Agħtiha l-kulur** | **11** |
| **Avviżi** | **11** |
| **L-Oljandru** | **12–13** |
| **Shearwaters in danger** | **14–15** |
| **Fossil hunting** | **16** |


## Kitbu f'dil-ħarġa

Martina Brancato (National Aquarium), Maria Darmanin (BOV), Desirée Falzon, Victor Falzon, Maria Farrugia (Wasteserv)

## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza attivitajiet għall-familja, mixi, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. It-taqsima tal-membri li għalqu t-13 tissejjaħ **Falko**. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena. Tista' tissieħeb ukoll il-familja kollha, li tibda tirċievi wkoll ir-rivista *Bird's Eye View* kull tliet xhur. Sħubija għall-**Familja** hija €29.

## Kuntatt


tel **21347645 / 21347646**
indirizz **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
imejl **info@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


© BirdLife Malta, Awwissu 2019


Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Reg.Vol.Org. VO/0052



# Tkompli l-gwerra kontra s-siġar...

Dar-ritratt juri parti mit-Triq tar-Rabat, triq li jagħrafha kulħadd minn dawk iż-żewġ ringieli siġar sbieħ taż-żnuber. Siġar mgħawġin u mibrumin, li ħafna minnhom għandhom iktar minn 100 sena.

Imma issa biċċa sew minn din it-triq ħa titwessa' ħalli tieħu iktar traffiku. U quddiem il-gaffa se jinqerdu ħafna siġar. Se jitneħħew total ta' **549** siġra: ċipress, oljandru, siġar ta' Ġuda, eċċ. U ħafna żnuber, fosthom dawn l-għaxra li jidhru hawn taħt.

Ħafna għelieqi ħa jispiċċaw ukoll taħt it-tarmak – medda ħamrija ikbar mir-riserva naturali tas-Simar.

Fit-28 ta' Lulju saret protesta kontra dan il-proġett mostruż. Marru iktar minn 1000 ruħ imma jidher li l-gaffa xorta ħa tirrombla u tgħaffeġ kollox.




Victor Falzon



Parti mit-triq tar-Rabat. Iċ-ċrieki ħomor huma **ftit** mis-siġar li ħa jinqerdu.

Google Earth

Aron Tanti





# Ma jdumux ma jsalpaw

F'*Il-Ħuttafa* li għaddiet semmejna li faqqsu tmien frieħ tal-fras-servjent (black-winged stilt) fir-riserva naturali tal-Għadira. Forsi mortu tarawhom fl-open day.

Minn dak iż-żmien 'l hawn dawk it-tmien flieles tellgħu r-rix, kibru, twalu u tgħallmu jtiru. Fir-ritratt jidhru tlieta minnhom qed juruna kemm saru bravi. U jaqblilhom, għax ftit ġimgħat oħra jsalpaw lejn l-Afrika. Iridu jaqsmu l-baħar, id-Deżert Saħara u jfittxu xmara jew għadira sabiħa x'imkien fl-Afrika Ċentrali, fejn jgħaddu x-xitwa. Imbagħad fir-rebbiegħa jerġgħu jagħmlu l-vjaġġ lura!

Min jaf, forsi jerġgħu jiġu Malta!



is-Semmiegħa

Desirée Falzon

**Peter u Sylvia, Maris u Sky huma żewġ pari tewmin ħbieb b'rabta speċjali bejniethom: kull meta jaqbdu id xulxin jibdew jifhmu x'inhi tħoss in-natura!**

# Tal-ġelati

"One, two three, go!"

Kien l-istaġun favorit ta' Maris u ta' ħuha t-tewmi, Sky. Flimkien maż-żewġt iħbieb tewmin tagħhom, Peter u Sylvia, kienu jmorru l-baħar kważi kuljum. Bħalissa kienu qed jagħmlu tlielaq tal-għawm. Barra l-logħob li dejjem jivvintaw, it-tewmin kienu jgawduha sew in-natura ta' ħdejn il-baħar, għax meta jgħaqqdu jdejhom flimkien kienu kapaċi jisimgħu n-natura titkellem.

"Sar il-ħin għall-ġelat?" staqsa Peter, li kien qisu bir bla qiegħ fejn jidħol l-ikel. Imma *Ivan's Ice Lollies* li kien jarma ħdejn ix-xatt ma kienx bħal kwalunkwe vann tal-ġelati: kien ikollu biss ġelati home-made ta' kull tip, togħma u għamla. Mhux hekk biss: Ivan kien iżejjen il-karta tat-tgeżwir bi stampa sabiħa u tagħrif fuq dik l-istampa. Sylvia kienet tiċċajta li jekk xi darba jinsew iġibu ktieb magħhom, setgħu jixtru ħafna ġelati u jkunu moqdijin xorta!

"Ejja nitilgħu," qalet Sylvia biex teħles mill-qrid ta' ħuha. Huma u telgħin mill-ilma l-erbgħa li huma qabdu id xulxin biex ma jiżolqux. U f'dak il-ħin sew mill-bogħod bdew jisimgħu ilħna rqaq jgħajtu:

*"Ajjut! Xi ħadd itini nifs!"*
*"Fejn qiegħed?"*
*"Kif qiegħed bil-maqlub?"*
*"Waqaf dak it-taħbit?"*

"Hawn xi annimali fl-inkwiet," qal Sky, "imma m'jien nara xejn!" Minnufih it-tewmin bdew ifittxu 'l hawn u 'l hemm biex jaraw kif se jagħtu daqqa t'id.

"Hemmhekk!" għajjat Peter wara ftit, "Fir-ramel!"

L-erba' ħbieb ġrew lejn barmil tal-plastik li xi tfal insew fir-ramel. X'ħin qalbuh, sabu munzell granċijiet tal-bebbuxu nofshom mejtin, xotti u bla nifs.

Peter ġabarhom fil-barmil u ġera bih lejn il-baħar, fejn telaqhom ħalli jkomplu ħajjithom fl-ambjent tagħhom. Sky kien kważi se jibki.

"Kieku ma smajnihomx, kienu jmutu kollha. Kemm hawn min hu kattiv!"



granċ tal-bebbuxu
hermit crab

Victor Falzon

Sylvia, li kienet taqra *Il-Ħuttafa*, spjegat li din aktarx kienet injoranza milli kattiverija, għax it-tfal żgħar jaraw qoxra ta' bebbuxu u jaħsbuha vojta. Itellgħuhom mill-ilma, joqogħdu jilagħbu bihom, imbagħad iħalluhom hemm.

"Fil-fatt dawk ikunu granċijiet tal-baħar li jgħixu fil-qxur vojta tal-bebbux. Meta joħorġuhom mill-baħar il-granċ jibża' u jinġibed 'il ġewwa, u ma tindunax li hemm annimal ħaj hemm ġew!"

"Kif se nagħmlu biex nedukaw lit-tfal li jiġu l-baħar ħalli joqogħdu attenti?" tħassbet Maris.

"Naf kif!" qabeż qal Peter, hekk kif qabad id oħtu. "Oqogħdu hawn, daqt niġu lura."

U flimkien ma' Sylvia ġera lejn *Ivan's Ice Lollies*. Maris u Sky skantaw kif Peter u Sylvia ma ridux jgħidulhom x'għamlu.

Xi ġranet wara, it-tewmin marru l-baħar bħas-soltu, dejjem attenti għal xi tfal jilagħbu bil-bebbux. Meta sar il-ħin għall-ġelati, Peter bagħat lil Maris u lil Sky biex jixtru.

"Hawn huma!" qalilhom Ivan tal-ġelati, u newlilhom erba' ġelati bi tbissima kbira. It-tewmin għall-ewwel ma fehmuhiex dik it-tbissima, imma mbagħad raw ir-wrapper u nfaqgħu jidħqu. Fuqu kien hemm stampa kbira ta' granċ tal-bebbuxu, xi tagħrif dwaru u l-messaġġ:

**Mhux ġugarelli!**
**Ħallihom fil-baħar!**

Victor Falzon




Issa morru paġna 11 u agħtu kulur lill-granċ tal-bebbuxu.



# How to be an environmentalist at the seaside



If you want an ice-cream, buy the machine kind (tal-magna) in a wafer cone, so you can eat the whole thing without creating litter (cup, lid...)



If you're eating your ice-cream and a wasp turns up, don't kill it or raise a panic! She didn't come to sting you, she just wants some ice-cream. Go on, give her a bit!



Some people like to pick off limpets (mħar) from the rocks to eat. Don't copy this nasty habit, let the poor limpets live. I'm sure you brought plenty to eat.



Do not take home snail shells from the seaside. There's usually a tiny hermit crab hiding in it, and it will die if it's taken away from its habitat.






Every time you go for a swim collect a small bag of plastic litter from the sea or the beach and put it in the garbage bin. Imagine if everyone did that!



Always buy animal-friendly sunblock. If it is, it will proudly say so on the label. If it's not, it means the chemical was tested on hundreds of animals.




Make sure YOU don't litter the beach or the sea! Remember: even a tiny bit of plastic can kill a tiny fish that swallows it.

Victor Falzon



# Concrete

**Concrete is such a useful material for building. It's strong, lasts a long time, and we can make it into all sorts of shapes. But did you know that concrete is also one of our dirtiest inventions?**

## 4000,000,000

**Four billion tons!** That's how much concrete is produced in the world... every year.

## 8%



Concrete is responsible for **8% of the world's emission of carbon dioxide** ($CO_2$) into the air. That's more than any other material except fossil fuels. The rise in $CO_2$ is the main cause of climate change.



## 10%

To make concrete a lot of water is used – about **1 tenth** of the entire world supply of fresh water.

## 3rd

If concrete was a country, it would be the **third biggest polluter** in the world!












Heyyy Ħuttafers,

It's Amy again. How is your summer going? I have been spending a lot of time with nanna Michelle and going to the beach. Oh how I love the sound of the ice-cream van when it approaches the beach! My grandma always buys me a yummy soft vanilla ice-cream in a cone - she pays for it so I get to put back my pocket money in my piggy bank Lily 😎 We then sit down to watch the beauty of the sea, sand and shells.

During my summer holidays, I help more around the house. I am also managing to earn some extra money by helping Dad wash our electric car. He tells me that Bank of Valletta helped him buy it – I did not know that the Bank lends money so people can buy environment-friendly stuff! How cool is that??

I also go to the supermarket with Daddy. Before we go, we make a list of what we need. At the supermarket, my father shows me how to choose groceries according to our budget. When we are ready, we go to the checkout counter where my Dad pays with his BOV CashlinkMALTA. It is really cool, he just taps it to the card machine and in a second he has paid and we're done. He even pays with it when we buy only milk and bread. Dad says that using a bank card is safer and faster than using cash.



For dinner we eat in our garden, watching birds land on the branches of our lemon tree. I always fill up a trough with fresh water, so that the sparrows and warblers can quench their thirst in this heat. I have also decided to use some of Donny's money to donate to voluntary organisations that help keep our environment safe, so that my friends and I can continue to enjoy it when we grow up!

Up till now I have been quite good - I have not taken any money from my Sosy piggy bank, and Travvy's tummy is filling up quite fast with coins! I cannot wait to make a deposit into my BOV bank account so that one day my dream of travelling around the world will come true!

Love,
Amy







Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130.
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta). BOV CashlinkMALTA is available to persons over 16 years, loans are available to persons over 18 years. Other Terms and Conditions apply and can be accessed on www.bov.com

BOV
Bank of Valletta

# Residenti speċjali

Das-sajf fil-Belt Valletta kellna residenti speċjali. F'rokna kennija mal-ħajt ta' bini għoli fi Triq il-Merkanti, par **ħawwief** bnew bejta u fiha rabbew familja! Dawn ir-ritratti juru ftit waqtiet mill-ħajja f'din il-bejta. F'Awwissu l-frieħ tgħallmu jtiru u ħallew il-bejta.





Jasal wieħed mill-ġenituri bl-ikel. Iż-żewġ frieħ ħalqhom miftuħ għal-lest!



Il-flieles jistennew l-ikel!

Il-**ħawwiefa** (house martin) hija komuni fil-passa imma rari tbejjet f'pajjiżna. L-ewwel darba li nafu li bejtet kien fil-Mosta fl-1981 u l-aħbar kienet dehret fil-gazzetti! Minn dak iż-żmien 'l hawn il-ħawwief bejjet xi 10 darbiet oħra, u mhux dejjem b'suċċess. Għalhekk din il-bejta fil-Belt kienet avveniment speċjali.



Il-ħawwiefa żżoqq lil uliedha mġewħin.








Bla nifs, il-ħawwiefa terġa' ttir biex tfittex iktar nemus u dubbien għat-tfal tagħha.

Grazzi lil **Annalise Falzon** li f'Ġunju rat il-ħawwief iħuf fl-inħawi ta' Kastilja u ssuspettat li hemm bejta fil-viċin. U grazzi lil **Denis Cachia** li sab il-bejta, żar il-post regolarment u bagħtilna dawn ir-ritratti u t-tagħrif.

# Monakella

## Little Ringed Plover *Charadrius dubius*



Ritratt ta' Charles Galea Bonavia meħud fir-riserva naturali tal-Għadira


BirdLife
MALTA





# L-Avventuri ta' Kolina l-Kokka u Żeppinu ż-Żrinġ

**Żeppinu huwa żring fuq ruħu u n-Nanna Kolina hija kokka xejn inqas fuq tagħha. Minkejja li Kolina xwejħa u Żeppinu żagħżugħ, flimkien dawn it-tnejn ikollhom avventuri mill-iktar interessanti.**



Tpinġija Victor Falzon

**Żeppinu.** Nanna, sibt dar tal-bnedmin veru sabiħa – tgħidx x'veduta għandha. Irridek tiġi miegħi biex taraha.
**Kolina.** Is-sena l-oħra diġà morna nisseparaw l-iskart fil-villa u m'hemmx għalfejn nerġgħu mmorru din is-sena. Int meta ser trabbi naqra għaqal għid?
**Żeppinu.** Le Nanna, din dar oħra u ħafna isbaħ għax għandha veduta veru sabiħa. Imxi, tlaqna.
**Kolina.** Imxi Żeppinu, għax qabbadtni l-kurżità. Nispera mhux 'il bogħod.
**Żeppinu.** Le, hawn kważi wasalna diġà. Ara xi ġmiel – kollox għandhom! Sufan, sodda, saqqu, madum, televixin, cooker, cupboard...
**Kolina.** X'inti tgħid Żepp? Din mhux dar tal-bnedmin? Din id-dar tal-ħlejjaq li jgħixu fuq l-irdum u l-bnedmin ħammġuha bl-iskart tagħhom!
**Żeppinu.** Iss ħej! Imma inti ma kontx għidtli li l-bnedmin għandhom iċ-Ċentri għall-Iskart Goff fejn jarmu dan it-tip ta' skart? Saħansitra jistgħu jċemplu lill-Kunsill Lokali u jmur jiġbrilhom l-iskart b'xejn minn wara biebhom?
**Kolina.** Hekk hu, imma xi nies bla sens jippreferu jarmu barra. Però mhux il-bnedmin kollha hekk, ta. Hemm nies li saħansitra jorganizzaw attivitajiet fejn ineħħu l-imbarazz li jarmi ħaddieħor. Qed tara dak il-grupp nies fil-bogħod? Dawk hekk qed jagħmlu.
**Żeppinu.** Ara, veru?
**Kolina.** Mela x'hiex. Ħa ngħidlek x'nagħmlu, Żeppinu: ejja nsejħu lil sħabna kollha u nnaddfu dan l-imbarazz. Nagħmluh fil-ġenb tat-triq ħalli x'ħin jgħaddi t-trakk biex jiġbor l-affarijiet li qed jiġbru dawk in-nies jieħu l-imbarazz li nkunu ġbarna aħna wkoll.

U hekk għamlu. Sħabhom tal-irdum kollha ngabru jgħinuhom inaddfu l-iskart li ntrema qalb ix-xagħri bi ħsara għall-ambjent naturali.

**Żeppinu.** Il-aħwa, Nann, x'battikata dik, kif għajjejt. Imma għall-inqas issa hawn kollox nadif, u kulħadd jista' jerġa' jgawdi l-veduta mingħajr ħmieġ u mbarazz.
**Kolina.** Hekk hu, Żeppinu. Kieku l-bnedmin jarmu kollox mill-ewwel fejn suppost, kieku ħadd ma jkollu joqgħod jinħela jnaddaf wara ħaddieħor.
**Żeppinu.** U kulħadd ikun jista' jgawdi ġmiel in-natura mingħajr ħmieġ.

Mela tinsewx. ħbieb! Skart goff jew anke skart perikoluż, bħal batterija ta' karozza jew mediċina skaduta, għandu jintrema dejjem fiċ-Ċentri għall-Iskart Goff. Żuru l-websajt www.wasteservmalta.com għal aktar informazzjoni.



WASTESERV
CREATING RESOURCES FROM WASTE

# Agħtiha l-kulur...

Victor Falzon

## Granċ tal-Bebbuxu
### Hermit Crab





Dawk l-ingwanti qishom li tuża n-nanna biex toħroġ xi torta mill-forn!

Jekk għandek tpinġija tan-natura li trid inġibuhielek fil-magażin ibgħatha hawn: **education@birdlifemalta.org**



**Fjamingu**
Asia Adamo (8)

Għal tagħrif u avviżi fuq attivitajiet tal-BirdLife żuru l-websajt **www.birdlifemalta.org/events/**




**Birds of Malta**
**A memory game from BirdLife Malta**
**€9.75**
Available from BirdLife outlets or online at **www.birdlifemalta.org**

Nixtrilek waħda, ibni?
Too late, Ma! Diġà xtrajtha mill-pocket money!



Victor Falzon

# l-Oljandru



## Oleander *Nerium oleander*



Fl-ambjent naturali tiegħu l-oljandru jikber l-iktar maġenb ix-xmajjar għax iħobb art umda. F'Malta m'għandniex xmajjar, u l-oljandru ta' pajjiżna aktarx li kollu tħawwel mill-bniedem.

**L-oljandru naraw ħafna minnu għax id-dehra tiegħu tingħoġob mill-bniedem u għalhekk jitħawwel spiss fil-ġonna, fis-centre strips u mal-ġnub tat-toroq.**

Victor Falzon



### il-fjuri

L-oljandru għandu staġun twil bil-fjuri, jibda minn April-Mejju u jibqa' sejjer sal-ħarifa. Il-fjuri tal-oljandru jżuruhom diversi insetti. Fis-selvaġġ il-fjuri huma roża ċari imma l-bniedem ilu ħafna jżejjen il-ġonna bl-oljandru, u maż-żmien ħoloq diversi razez bi lwien differenti, fosthom bojod, ħomor, lewn is-salamun u sofor.

L-oljandru huwa velenuż, imma b'daqshekk m'għandniex għax nagħmlu għaġeb. Naħslu dejjem idejna u ma nippruvawx nieklu weraq u fjuri tal-oljandru!





Aron Tanti

Desirée Falzon



### il-weraq

Il-weraq tal-oljandru huwa twil, dejjaq u jleqq. Mad-daqqa t'għajn jixbah ftit lil taż-żebbuġ imma huwa ikbar u l-aħdar tiegħu iktar karg. Dan ix-xebh aktarx li ta l-isem **oleander** lil din il-pjanta, għax l-isem xjentifiku taż-żebbuġa huwa ***Olea***. Hemm xi leġġendi u ħrejjef li jagħtu spjega differenti.

Isem ieħor għall-oljandru huwa **siġra tal-wirdien**. Imma mhux għax l-oljandru jġib il-wirdien, anzi bil-maqlub! Peress li l-oljandru huwa velenuż, dari xi nies kienu jqattgħu l-weraq tiegħu u jferrxuh f'irkejjen madwar id-dar, biex isibhom il-wirdien, jikolhom... u jmut.



### iż-żerriegħa

Fil-ħarifa l-fjuri jinxfu u dawk li jkunu ddakkru jiffurmaw imżiewet twal u rqaq. Meta dawn jinxfu u jsiru kannella jinfetħu u minn kull miżwet joħorġu jtiru mijiet ta' żerriegħa, kull waħda b'ħafna xuxa fina. Din ix-xuxa tgħin liż-żerriegħa ttir mar-riħ qisha paraxut. B'hekk tmur 'il bogħod mis-siġra omm u forsi tinbet f'post ġdid.



Victor Falzon

**Bil-fjuri u l-weraq tiegħu l-oljandru jagħti ħajja u kulur lil ħafna mit-toroq tagħna.**



L-oljandru hija l-fjura uffiċjali ta' Hiroshima. Din il-belt fil-Ġappun kienet inqerdet fl-1945 bl-isplużjoni ta' bomba atomika. Il-bomba qatlet ħafna nies (iktar minn 100,000 ruħ), annimali u siġar, iċċattjat il-bini kollu fiċ-ċentru tal-belt u vvelenat l-arja, l-art u l-ilma għal ħafna snin. Jingħad li l-oljandru kienet l-ewwel fjura li fetħet wara dan id-diżastru nukleari.




# Shearwaters in danger

People cause lots of problems for seabirds, especially shearwaters (ċief u garni). This picture shows the main dangers. BirdLife has worked for many years to solve these problems and to make Malta a safer place for seabirds.


Lights from seaside towns confuse young shearwaters.
Yelkouan Shearwater
Garnija
Many shearwaters get caught in fishing hooks and nets, and they drown.
Litter on the cliffs brings rats...
... and rats attack the shearwaters' eggs and chicks!

MALTA NATIONAL AQUARIUM

# YOURS TO DISCOVER

## FOSSIL HUNTING!

Fossils are the preserved remains, or traces, of animals and plants that were once living



**Body fossils** include bones, teeth, claws and skin The best preserved body fossils are from the hardest parts of the body



**Trace fossils** are signs of once living organisms such as a footprint





## SAND DOLLARS

If you walk along the coast of Gozo, you can find various fossils, including sea urchins! They are called "sand dollars" and the name comes from centuries ago

Explorers began finding these unusual "rocks" on the beach As they resembled the large coins in use back then, they earned their name! Some people even believed that they were a form of money used by underwater creatures, such as mermaids who lived in the city of Atlantis!



**NOTE!** COLLECTING FOSSILS IN MALTA IS OFFICIALLY FORBIDDEN

## HAVE YOUR EVER SEEN THEM ON THE BEACH?



Contact: info@aquarium.com.mt

WWW.AQUARIUM.COM.MT